**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Joseph Mercieca]**

**vs**

**Joseph Azzopardi**

**Kumpilazzjoni Numru: 554/16**

**Illum, 27 ta' Frar, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Azzopardi detentur tal-karta tal-identita` numru 388877M.

Akkuzat talli f'Dicembru, 2015, u/jew fix-xhur ta' qabel, u/jew wara din id-data, mill-fond nru. 43, Triq L-Ortolan, Mosta:

1. ikkommetta serq ta' gojjellerija w oggetti ohra, liema serq hu kkwalifikat, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), bil-persuna u bil-lok u li sar ghad-detriment ta' Lucia-Maria Atkins-Jones u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita'/entitajiet ohra;

Akkuzat ukoll talli f'Settembru, 2016, mill-fond nru. 18, Susan, Triq il-Mithna, Birkirkara:

2. ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq hu kkwalifikat, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), bil-persuna u bil-lok u li sar ghad-detriment ta' Carmela Magri u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita'/entitajiet ohra; u

3. Finalment, akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi definittivi moghtija mill-Qrati ta' Malta.

Rat id-dokumenti pprezentati; u

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 49, 50, 261, 267, 268(a), 269(g), 279(a)(b), 280(1), 281(b) u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni bikrikja mill-imputat ghall-akkuzi kif dedoti kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu u stante illi l-ammont derubat gie kollu rizarcit lill-parte civile u stante illi l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni, qed issib lill-imputat Joseph Azzopardi hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7A tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht Probation Order li ghandha tifforma parti intergrali mill-odjerna sentenza ghal zmien tlett (3) snin millum.

Finlament, spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tibghat kopja tal-Ordni ta' Probation lid-Direttur tal-Probation Services u Parole.

---

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**